**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ġunju, 2025**

Rikors Numru: 35/2025 AL

AB

u

CD

(M.R. Numru 288/2015)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-gurament mill-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) permezz ta' rit ċivili fi Sqallija, l-Italja, att ta' żwieġ numru 171 P. II. S.C 2013 **(Dok. C anness);**

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifel, Nathan Chimirri imwieled fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), u llum għandu għaxar (10) snin;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' minn Jannar tal-elfejn u sittax (2016) u dan bis-saħħa ta' Att Pubbliku ippublikat minn Nutar Dottor Jean Carl Debono datat tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tal-elfejn u sittax (2016) **(Dok. D anness);**

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li llum il-ġurnata qegħdin jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin u ilhom jgħixu hekk separati sa mis-sena elfejn u ħmistax (2015);

5. Illi ma' hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet hekk kif l-istess iddekadew għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin. Lanqas ma' hemm preżentement ebda pendenza ta' manteniment versu t-tifel minuri tagħhom;

6. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif prodotti fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma għalhekk sodisfatti u jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi sabiex iż-żwieġ odjern jiġu maħlul;

7. Illi stante li l-konvenut Sebastiano Chimirri ma' jifhimx bil-lingwa Maltija, flimkien ma' dan ir-rikors sejjer jiġi anness l-istess rikors bil-lingwa Ingliża

**Għaldaqstant l-esponenti konġuntivament jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossia d-divorzju, ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u

2. Tordna lir-Reġistru tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet, fi żmien hemm akkordat minnhu biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku skont il-Liġi.

U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Frar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Jannar, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.